# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 31 ta’ Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 770/01/SM**

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Joseph u Georgina konjugi Saliba**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf sitt mija sitta u tletin lira Maltin (LM1,636.00,0) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, dovuti fuq erbatax-il kambjala ffirmati minnhom u li ghalkemm skaduti huma naqsu milli jhallsuhom minkejja diversi interpellazzjonijiet;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 t’Awissu 2001 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 23 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha irriduciet l-ammont mitlub ghall-LM1,286.00,0 oltre l-imghax legali u l-ispejjez;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fil-25 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**